**L-Ikla tal-Ħbieb**

Reġgħet nibtet l-okkażjoni
Illi nikteb poeżija;
Qbadt il-pinna w ħażżiżt waħda
Għal dil-lejla mistennija.

Kien ħsieb għaqli li niltaqgħu
U nieklu waħda flimkien
Tinsewx illi 'Tempus fuġit' -
Ma jaħfirha 'l ħadd iż-żmien!

U illum ma' mejda waħda
Minn kull rokna ta' gżiritna
Għand il-Kosmo dlonk inġbarna
Biex naraw min huma ħbiebna.

Hu x'inhu l-iskop hu wieħed
Li nibżgħu għal dan ilsienna;
Inperrċuh, nużawh u ngħożżu
U niddefenduh bla ħniena!

Kif għamlu tant sew fl-imgħoddi
Buttiġieġ, Psaila, Cremona,
Aquilina u Pisani -
Mhux il-ħbieb minn ta' Mammona!

B'fehma soda rridu nwiegħdu
Li lill-Malti nħobbuh
Għalina dan jiġi l-ewwel
M'ebda lingwa ma nibdluh.

Lil ħabibna Charlie 'Grazzi'
Ngħidulu tassew mill-qalb
Illi għoġbu jlaqqagħna
Ma ninsewhx għalhekk fit-talb.

B'dawn il-versi llum tat-tmienja
Ridt infakkar l-okkażjoni
Li torbotna ħaġa waħda
U tagħmilna lkoll unjoni.

Ried ikun Joe li nebbaħni
Biex nikteb dawn il-ftit vrus
Li ngħidilkom ibqgħu ċerti
Minn qalbi ħarġu daw'l -ħsus!

W għalhekk intemm din is-saffika -
Ħa jkollkom saħħa ta’ plier;
Ilqgħu nitlobkom l-awgurju
Ġej mill-qalb ta’ Kavallier!

**<u>Kav Joe M Attard</u>**
***emarjos@hotmail.com***